MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1314/2005

**Elmo Insurance Limited (C3500), kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Speranza Xuereb (ID328250M) u l-istess Speranza Xuereb (ID328250M)**
**vs**
**Christopher Cucciardi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Gunju, 2005, fejn intqal :**
**Illi din hija l-istanza fejn l-atturi qed jitolbu l-kundanna tal-konvenut ghal risarciment ta' danni fl-ammont ta' tliet mija sebgha u hamsin lira tlieta u disghin centezmu (Lm357.93) [in kwantu ghal tliet mija tnejn u tletin lira tlieta u disghin centezmu Lm332.93 lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Limited u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira (Lm25) lil Speranza Xuereb] (Dok.ZM1 sa ZM9) minnu kkagunati u minnhom subiti in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara n-Naxxar fil-15 ta' Ottubru 2004 meta waqt li l-konvenut**

**kien qed isuq vettura Nru.JAU-627 habat mal-vettura Nru.VIE-313, propjeta' tal-attrici Speranza Xuereb u misjuqa minnha, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti (Dok.ZM10).**
**Oltre l-imsemmija danni, l-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez tal-kawza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Mejju 2005, u l-imghax legali b'effett mill-11 ta' Mejju 2005 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-21 ta' Ottubru, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh, jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici Elmo Insurance Limited is-somma ta' tliet mija tnejn u tletin lira tlieta u disghin centezmu (Lm332.93), u lill-attrici Speranza Xuereb is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25), ilkoll bl-imghax legali mill-11 ta' Mejju, 2005 sad-data tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Mejju 2005, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------